MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' April, 2012

Appell Kriminali Numru. 490/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alfred Degiorgio**
**Mario Cutajar u**
**Emanuel Formosa**

Il-Qorti:

**1.** Dan hu appell mill-Avukat Generali minn digriet interlokutorju moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-10 ta' Ottubru 2011. B'dak id-digriet l-ewwel Qorti, wara li l-prosekuzzjoni talbet sabiex jinhatar espert biex jiehu l-impronti digitali ta' l-appellati, laqghet din it-talba izda hasset li qabel ma l-espert jespleta l-inkarigu tieghu, kellha tistenna l-ezitu ta' kawza pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Skond l-Avukat Generali, dik il-kawza hija kawza indipendenti minn din il-kawza.

Jekk kien hemm xi lanjanza min-naha tad-difiza, din giet respinta mill-ewwel Qorti li l-funzjoni taghha f'dan l-istadju hija biss dik li tigbor il-provi. Id-difiza ma talbet l-ebda referenza kostituzzjonali. Lanqas ma jaghmel sens illi jinhatar espert u fl-istess hin jigi sospiz l-inkarigu tieghu sakemm tinghata sentenza kostituzzjonali.

**2.** Fis-seduta ta' l-14 ta' Dicembru 2011, l-Avukat Dottor Joseph Giglio ghall-appellati eccepixxa l-inappellabilita` mill-imsemmi digriet interlokutorju in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 415(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi:

**"L-appell minn digriet interlokutorju li ma jzommx il-kawza milli titmexxa 'l quddiem, jista' jsir biss wara s-sentenza definittiva, u flimkien ma' l-appell minn din is-sentenza."**

**3.** Il-kliem tal-ligi huwa car. Jekk digriet interlokutorju ma jzommx kawza milli titmexxa 'l quddiem, dak id-digriet huwa appellabbli biss wara li tinghata sentenza definittiva. Hekk inghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Peter Paul Debono** deciza fis-26 ta' Mejju 1994 fejn intqal li **"appell minn digriet interlokutorju, cioe` digriet intiz biex jirregola l-andament tal-kawza, u li ma jzommx il-kawza milli titmexxa l-quddiem jista' jsir biss wara s-sentenza definittiva u flimkien mal-appell minn dik l-istess sentenza definittiva kemm-il darba dik is-sentenza definittiva tkun appellabbli."**

**4.** F'dan il-kaz din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi bid-digriet moghti mill-ewwel Qorti fl-10 ta' Ottubru 2011 il-kawza effettivament nzammet milli titmexxa 'l quddiem. Kuntrarjament ghal dak li gie sottomess mid-difiza, l-atti tal-kumpilazzjoni ma gewx rimessi lill-Avukat Generali, u dan peress illi b'nota tieghu tat-18 ta' Novembru 2008 l-Avukat Generali rrinvija l-atti ghall-gudizzju mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, naturalment fin-nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputati, u purche` l-ewwel jingabru l-provi elenkati fl-istess nota. Mill-atti jidher illi kull ma jonqos li jsir huwa illi jigi nominat espert ta' l-impronti tas-swaba' biex jiehu l-impronti ta' l-

imputati sabiex issir komparazzjoni mill-espert ga` nominat Philip Gilhooley. Imbaghad ghall-finijiet ta' l-artikolu 415(1) huwa rrilevanti kemm ilha pendenti l-kawza odjerna u kemm kien hemm diffikultajiet biex jinstab espert biex jaghmel komparazzjoni ta' impronti. Mhuwiex lanqas ghal din il-Qorti biex tidhol f'konsiderazzonijiet ta' natura kostituzzjonali. Ghalhekk id-digriet imsemmi huwa wiehed appellabbli.

**5.** Kif inghad fil-paragrafu precedenti, din il-Qorti mhijiex se tidhol f'konsiderazzjonijiet li dan mhuwiex il-*forum* kompetenti li jigu trattati fih. Din hija kumpilazzjoni li tirrikjedi li jitkompla u jintemm il-gbir tal-provi. Fid-digriet taghha ta' l-10 ta' Ottubru 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ddikjarat illi ma tara l-ebda raguni ghaliex ghandha tichad it-talba ghan-nomina ta' espert biex jiehu l-impronti digitali ta' l-imputati. Hija ghandha ghalhekk tipprocedi ghal tali nomina.

**6.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka d-digriet ta' l-10 ta' Ottubru 2011 in kwantu l-ewwel Qorti ddecidiet li tistenna l-ezitu tal-kawza kostituzzjonali li ghaliha saret referenza qabel ma jittiehdu l-impronti ta' l-imputati, sabiex b'hekk tkun tista' tghaddi ghan-nomina ta' espert biex jiehu tali impronti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------